# *Il-Knisja l-Qadima*



Chev Frank Borda Vassallo M.O.C.O.S.T.A.O.B.S.
Kav.di Grazzia e Devozione

L-ikbar tul tal-Knisja l-Qadima minn ġewwa huwa 120pied u l-ikbar wisa' fil-kappelluni huwa 90 pied, jiġifieri t-tul tas-Salib u l-wisa tiegħu qegħdin fi proporzjon ta' erbgħa għal tlieta. Il-wisa tal-korsija , kappelluni u l-kor, meħud minn bejn il-bażi tal-kolonni huwa kullimkien 24 pied. It-tul li semmejna tal-knisja huwa mqassam 57.5 piedi korsija, 27 pied bejn il-pilastri maġġuri u 33.5 il-kor. Il-wisa mbagħad jitqassam f'51.5 kull kappellun u 27 pied bejn il-pilastri maġġuri. Il-korsija hija mqassma, kappelli tlieta kull naħa li ħamsa minnhom huma bl-artali u dik tan-nofs ta' fuq ix-xellug, aħna u deħlin f'bieb għal barra. Fil-kappelluni hemm sitt daħliet oħra, tlieta f'kull wieħed imqassmin fil-faċċata u ż-żewġ ġnub. It-tnejn mal-ħajt ta' barra kienu għall-bibien, filwaqt li l-oħrajn kienu bl-altari.

Il-kor kellu l-altar titulari faċċata u fuq il-presbiterju kien hemm l-altar maġġur. Jiġifieri l-knisja kellha hdax-il altar b'kollox. L-arkitettura ta' ġewwa hija l-istess bhal dik ta' barra jiġifieri fuq il-korint u hawn jidher tajjeb l-istil tar-Rinaxximent, dak li t-Taljani jgħidulu Contro Riforma.

Bejn il-wesgħat tal-kappelli jinsabu bażijiet li fuqhom jitilgħu kull darba żewġ kolonni skanellati korinti qishom tewmin u fuq il-kapitelli jgħaxxqu tagħhom tgħaddi trabozzjoni sabiħa li tagħlaq l-ewwel ordni. It-tieni ordni, jixbaħ lil dak ta' taħtu, imma mhux ħlief in-nofs għoli. Bħala t-tifel ċkejken dan it-tieni ordni huwa mżejjen iżjed minn dak ta' taħtu. Hekk l-iskannelli tal-kolonni huma mibrumin, l-arkitrava gwarniċa bil-lavur u l-griż mimli bi skultura mżewqa bi xbihat ta' kerubini u t-torri, il-gendus u l-kewkba ta' l-arma Borg.

It-troll li kien għoli 44 pied mill-quċċata tiegħu sal-qiegħa tal-Knisja kellu il-ħnejjiet imnaqxin fi kwadretti u l-fondijiet fi stilel ta' tmien ponot bi slaleb imħaffrin bejniethom. Fuq kull kappella t-troll kellu tieqa għad-dawl u dawn ma kienux mindudin nofshom il-barra kif niltaqgħu magħhom fil-ħafna knejjes oħra fejn it-troll huwa baxx.

Fis-saqaf kienet tidher kitba li tgħid; "Fl-isem ta' Ġesu kulħadd jintefa għarkubtejh. Tixrid ta' żejt tal-għaġeb. Huwa Ismek. Faħħru l-isem tas-Sinjur." Fuq l-erba' pilastri maġġuri kienet titla l-koppla li mill-qisien li tajna tagħha minn barra nistgħu ngħidu li mill-quċċata ta l-anterna sa l-art kien fiha madwar 88 peid jiġifieri daqs għoli tat-troll darbtejn.

Iż-żewġ sagristiji huma sbieħ u msaqqfin troll. Filwaqt li l-bibien li għandhom għal ġol kor huma xerqin dawk li jgħaqqduhom mal-knisja huma mgezzin wara l-pilastri maġġuri biex ma jtellfu xejn mill-arkitettura. Minn ġewwa s-sagristiji tgħaddi wkoll għaż-żewġ gallarijiet ta' l-orgni li jidhru fil-kor u mis-sagristija tax-xellug tgħaddi għall kampnari. Fil-quċċata tal-faċċata tal-kor jidher bħal gwarniċ tal-ħaġar li fih din il-kitba mdawra bil-Malti

*O bla tebgħa Omm tal-Ħallieq*
*Mill-ġens ta' David*
*Ilqa' lil Uliedek*
*La Tinsiex il-għati Qaddis għal Ismek*
*Li jiena Borg u n-nies Devoti komplejnielek*
*u ħares nitolbok id-dar tiegħek hekk majestuża*

Barra minn żewġ finet għall-kwadri, żewġ niċeċ fil-faċċata u żewġ gallarijiet fil-ġnub mill-bqija l-kor huwa mneżża' mit-tiżjin. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu mill-faċċata ta' wara l-bieb ta' barra fejn ma jidhrux ħlief ħames niċec.

Imma meta niġu għall-kappelli jkollna nibdlu l-leħen. Dawn bħal ulied ta' omm waħda għandhom kollha l-istess sehem fil-qisien tagħhom iżda mbagħad jinagħżlu minn xulxin u meta tara l-perspettiva ta' waħda tinsa l-oħra. Id-disinn u l-iskultura ta' ħafna minnhom iħalluk skantat lejhom. Dawk il-ġmiel ta' kolonni b'armi jew disinji saħansitra fil-bażi tagħhom. Dak it-tiżjin tal-ġnub, dawk il-ħlewwa t'anġli u kerubini jittajru għeliniet li għandhom x'jaqsmu mal-qaddis tal-kappelli, gwarniċi maħdumin qishom bizzilla u saħansitra fl-irkejjen ta' madwar l-arkatura mimlijin b'disinji sbieħ inkella fejn hemm anġli jittajru b'heddejhom minnufih mat-trombi donnhom iridu jgħidu li dment li jifdlilhom nifs jibqgħu jdoqqu l-glorja ta' dik il-knisja bħala kapulavur ta' l-arti.

**LUCY HOUSE**

**30, Main Street Birkirkara**